

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 41



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 57

12 ta' Frar 2014

Avviż Nru

Werrej

Paġna

II Komunikazzjonijiet

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĞENZJJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 41/01

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.7019 – Trimet/EDF/Newco) (¹) 1

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĞENZJJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 41/02

Rata tal-kambju tal-euro 2

MT
**Prezz:
EUR 3**

(¹) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2014/C 41/03

Notifika mill-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku tar-Repubblika Taljana skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi

3

V Avviżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 41/04

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.7061 – Huntsman Corporation/Equity Interests held by Rockwood Holdings) (^)

5



(^) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Komunikazzjonijiet)

**KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U
AGENZJJI TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ COMP/M.7019 – Trimet/EDF/Newco)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 41/01)

Fit-12 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negożju li jista' jkun fis. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqSIMA tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovd diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32013M7019. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro (¹)

Il-11 ta' Frar 2014

(2014/C 41/02)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,3676	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5093
JPY	Yen Čappuniz	140,00	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,6072
DKK	Krona Daniża	7,4622	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6416
GBP	Lira Sterlina	0,83075	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,7330
SEK	Krona Żvediża	8,8200	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 457,65
CHF	Frank Żvizzeru	1,2235	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	15,0272
ISK	Krona Iżlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,2879
NOK	Krona Norveġiża	8,3680	HRK	Kuna Kroata	7,6545
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 609,27
CZK	Krona Ċeka	27,530	MYR	Ringgit Malażjan	4,5579
HUF	Forint Ungeriż	310,10	PHP	Peso Filippin	61,610
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	47,5073
PLN	Zloty Pollakk	4,1825	THB	Baht Tajlandiż	44,757
RON	Leu Rumen	4,4768	BRL	Real Brażiljan	3,2895
TRY	Lira Turka	3,0076	MXN	Peso Messikan	18,1600
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5148	INR	Rupi Indjan	85,0904

(¹) Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Notifika mill-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku tar-Repubblika Taljana skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi

(2014/C 41/03)

Il-Ministero dello Sviluppo Economico rċieva applikazzjoni mill-kumpanija Enel Longanesi Developments S.r.l. għal liċenzja għat-tiftix tal-idrokarburi, tradizzjonalment magħrufin bħala "GALLIA", f'żona fir-reġjun Lombardija, b'mod spċificu fil-provinċja ta' Pavia delimitata mill-arki meridjani u paralleli, li, min-naħa tagħhom, jgħaqqu l-punti definiti hawn taħt permezz tal-koordinati ġeografiċi tagħhom:

Punti	Koordinati ġeografiċi	
	Longitudo tal-Punent imkejla mill-meridjan ta' Monte Mario	Latitudni tat-Tramuntana
a	– 3°48'	45°08'
b	– 3°34'	45°08'
c	– 3°34'	45°04'
d	– 3°48'	45°04'

Il-koordinati ġeografiċi ta' hawn fuq ġew immarkati skont il-mappa tal-Italja mogħtija mill-Istitut Ġeografiku Militari (*Istituto Geografico Militare*, IGM) fuq skala ta' 1 : 100 000 – fil-kwadru tal-mappa Nru 58.

Abbażi ta' din id-deskrizzjoni tal-fruntieri, is-superfiċje tammonta għal 135,60 km².

Skont id-Direttiva msemmija fuq, l-Artikolu 4 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 625 tal-25 ta' Novembru 1996, id-Digriet Ministerjali tal-4 ta' Marzu 2011 u d-Digriet Direttorali tat-22 ta' Marzu 2011, il-Ministero dello Sviluppo Economico irid jippubblika notifika biex jippermetti li nies interessati oħra jissottomettu applikazzjonijiet għal liċenzji għat-tiftix tal-idrokarburi fl-istess żona deskritta fuq.

L-awtorità kompetenti għall-għoti tal-liċenzja rilevanti hija d-Diviżjoni VI tad-Direttorat-Ġenerali għar-Riżorsi Minerali u tal-Enerġija tad-Dipartiment tal-Enerġija fil-Ministero dello Sviluppo Economico.

Ir-regoli għall-għoti tal-liċenzja minerarja huma stipulati fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Il-Liġi Nru 613 tal-21 ta' Lulju 1967; Il-Liġi Nru 9 tad-9 ta' Jannar 1991; Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 625 tal-25 ta' Novembru 1996; Id-Digriet Ministerjali tal-4 ta' Marzu 2011 u d-Digriet Direttorali tat-22 ta' Marzu 2011.

Il-limitu taż-żmien għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet huwa ta' tliet xhur wara l-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Mhux ser jitqiesu applikazzjonijiet sottomessi wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu f'dan l-indirizz:

Ministero dello sviluppo economico
Dipartimento per l'energia
Direzione generale delle risorse minerarie ed energetiche
Divisione VI
Via Molise 2
00187 Roma RM
ITALIA

L-applikazzjoni tista' tintbagħħat ukoll bil-posta elettronika f'dan l-indirizz elettroniku: ene.rme.div6@pec.sviluppoeconomico.gov.it; id-dokumenti rekwiżiti għandhom jiġu sottomessi b'format elettroniku mal-firma diġitali tar-rappreżentant legali tal-applikant.

Skont il-Punt 2 tal-Anness A tad-Digriet Nru 22 tal-Prim Ministro tat-22 ta' Diċembru 2010, it-tul ġenerali tal-proċedura għall-għoti tal-liċenzji għat-tiftix ma għandux ikun ta' aktar minn 180 ġurnata.

V

(Avviżi)

PROCÉDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.7061 – Huntsman Corporation/Equity Interests held by Rockwood Holdings)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 41/04)

1. Fid-29 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li permezz tagħha l-impriża Huntsman International LLC, sussidjarja proprjetà sħiħa ta' Huntsman Corporation (Huntsman, l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fit-tifisira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll shiħi ta' ċerti interassi ta' ekwidità miżmuma minn Rockwood Specialties Group Inc. (“in-Negozju Akkwistat”) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Huntsman: produzzjoni globali ta' firxa wiesgħa ta' kimika ta' speċjalità u intermedja,
- għan-Negozju Akkwistat: produzzjoni tasd-diġossidu tat-titanju u adittivi funzjonali (negożju operat taħt l-isem “Sachtleben”), u l-produzzjoni ta' pigmenti tal-kulur, kimika għat-trattamenti u għall-protezzjoni tal-injam, kimika għat-trattament tal-ilma u l-fornitura ta' spare parts tal-gomma għall-vetturi (negożju operat taħt l-isem “Gomet”).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikkazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7061 – Huntsman Corporation/Equity Interests held by Rockwood Holdings, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

^(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU**

MT